# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 27 ta' Jannar, 2021.**

**Numru 10**

**Rikors numru 46/14/2 JVC**

**Lawrence Mizzi**

**v.**

**Maria Grima mart Joseph u Lorenza Cassar mart Joseph**

1. Din is-sentenza titratta l-appell tal-konvenuti Maria mart Joseph Grima u Lorenza mart Joseph Cassar minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali fl-20 ta' Ottubru 2015 permezz ta' liema l-konvenuti, werrieta ta' Tereza Mizzi, kienu kkundannati jagħmlu l-immissjoni fil-pussess ta' erba' biċċiet raba' mħollija lill-attur b'legat minn Tereza Mizzi, zija paterna tiegħu.

2. Il-kawża bdiet b'rikors maħluf ippreżentat fl-10 ta' Lulju 2014. Fih l-attur ippremetta u talab is-segwenti:

*'Illi Tereza Mizzi, iz-zija paterna tar-rikorrent, mietet xebba u mprole fit-tnejn (2) ta' April 2012, u rregolat il-wirt taghha b'testment tad-dsatax (19) ta' Frar 2009, fl-atti tan-Nutar Paul G. Pisani, fejn fost dispozizzjonijiet ohra halliet lir-rikorrent b'titolu ta' legat erba' bicciet raba' u somma ta' flus, u nnominat lill-intimati bhala eredi universali taghha (kopja tat-testment annessa u markata 'A');*

*"Illi skont dan it-testment l-legati li gew imhollija lir-rikorrenti huma:-*

*"i) bicca raba' imsejha 'Tal-Barun', kuntrada 'Tax-Xaghri' limiti Kercem, Ghawdex, kejl ta' cirka sitt mija u hamsa u hamsin metru kwadri (655m.k.), u konfinanti mill-punent ma' beni ta' Maria Mercieca, nofsinhar ma' beni ta' Beneditt Camilleri, u lvant mat-triq;*

*"ii) bicca raba' msejha ta' 'Ma' Genb il-Gibja' limiti Kercem, Ghawdex, tal-kejl ta' cirka mitejn u hamsa u ghoxrin metri kwadri (225m.k.), u konfinanti mill-punent ma' beni ta' Gorg Cefai, lvant ma' beni ta' Gorg Mizzi, u tramuntana ma' beni ta' Gorg Grech;*

*"iii) bicca raba' imsejha 'Tax-Xaghri' limiti Kercem, Ghawdex, tal-kejl ta' cirka mitejn u hamsa u ghoxrin (225m.k.), u konfinanti mill-punent ma' beni ta' Gorg Cefai, nofsinhar ma' beni ta' Gorg Mizzi, u tramuntana mal-porzjon imsemmija fil-paragrafu precedenti;*

*"iv) Bicca raba' imsejha 'Il-Habel ta' Fuq' kuntrada 'ta' Xkora', limiti Victoria, Ghawdex, tal-kejl ta' cirka elf tmien mija u erbgha u sebghin metri kwadri (1,847m.k.), u konfinanti mill-punent ma' beni ohra tat-testatrici, nofsinhar ma' beni ta' Bernardo Grech, u lvant ma' beni ta' Carmelo Grech;*

*"v) Is-somma ta' tlett elef ewro (3,000) ghal darba wahda biss;*

*"Illi dwar is-somma ta' tlett elef ewro (€3,000) ir-rikorrent jiddikjara li din gia' rceviha minghand ir-rikorrenti* (*recte*, mingħand il-konvenuti)*;*

*"Illi dwar il-bicciet tar-raba', meta dawn gew imkejla, filwaqt li rrizulta li l-kejl tal-bicca raba' imsejha 'Tal-Barun' fiha kejl ta' tliet mija u erbgha u hamsin metri kwadri (345mk), cjoe' kejl inqas ta' aktar minn nofs il-kejl indikat fit-testment tad-decujus ta' cirka 655m.k., il-bicca tar-raba' imsejha 'Il-Habel ta' Fuq' meta giet imkejla mill-Perit Joseph P. Dimech fuq inkarigu tar-rikorrent irrizulta li fiha kejl ta' bejn mija u mija u ghoxrin metri kwadri (100mk – 120mk) aktar mill-kejl indikat fittestment tad-decejus ta' cirka elf tmien mija u erbgha u sebghin metri kwadri (1,874m.k.);*

*"Illi ghall-precizjoni t-testatrici Tereza Mizzi kellha zewg bicciet raba' fl-inhawi maghrufa bhala 'Il-Habel Ta' Fuq', fl-imsemmija kuntrada 'Ta Xkora', li jmissu flimkien; bicca wahda li tikkonfina mal-wied min-naha tal-punent li fiha l-kejl ta' cirka sebga' mija u hamsin metri kwadri (750m.k.), u f'tul ta' sbatax punt hamsa metri (17.5m) mill-hajt ta' mal-wied 'il gewwa giet imhollija b'legat mill-istess testatrici lil hut ir-rikorrent, Maria Mercieca u Pauline Xerri bejniethom, u bicca ohra 'l gewwa minnha fuq in-naha tal-Lvant li giet imhollija lir-rikorrent;*

*"Illi bejn il-partijiet inqalghu divergenzi meta r-rikorrent talab lill-intimati sabiex jimmittuh fil-pussess tal-legati ta' dawn il-bicciet tar-raba' hawn fuq imsemmija bil-kejl li rrizulta li fihom meta dawn gew imkejla, billi l-intimati qed jippretendu li filwaqt li lir-rikorrenti jimmittuh fil-pussess tal-bicca tar-raba' imsejha 'Tal-Barun' bil-kejl nieqes li fiha ta' tliet mija u erbgha u hamsin metri kwadri (345m.k.), haga li l-esponenti accetta li ssir salv li talab li jaghmel rizerva fil-kuntratt bla pregudizzju tad-dritt tieghu ghall-bqija tal-kejl tar-raba' li effettivament kien gie mholli lilu mit-testatrici ta' sitt mija u hamsa u hamsin metri kwadri (655m.k.), l-istess intimati rrifjutaw li jimmittu lill-esponenti fil-pussess tal-bicca tar-raba' imsejha 'Il-Habel Ta' Fuq' bil-kejl li din il-bicca tar-raba' rrizulta li fiha meta giet imkejla ghax qed jippretendu li z-zejjed fil-kejl li jeccedi elf tmien mija u erbgha u sebghin metri kwadri (1,874m.k.) ghandhom izommuh huma, u ma jghadduhx lir-rikorrenti, minkejja li l-legat imholli ta' dan ir-raba' ma giex indikat b'kejl preciz izda kien wiehed approssimattiv. Inoltre l-intimati jippretendu wkoll li dan il-kejl li rrizulta li jeccedi 1,874m.k. li jehduh ukoll minfejn iridu huma;*

*"Illi l-intimati filwaqt li jippretendu li r-rikorrent ghandu jikkuntenta li jigi mmess fil-pussess tar-raba' li rrizulta li ghandu kejl izghar minn dak indikat mit-testatrici fit-testment taghha fuq imsemmi, l-istess intimati mhumiex jaccettaw pero' li jimmittu lir-rikorrent fil-pussess tar-raba' imsejjah 'Il-Habel Ta' Fuq' kif imkejjel mill-Perit Joseph P.Dimech, eskluza dik il-bicca li l-istess testatrici halliet b'titolu ta' legat lil hut irrikorrent, Maria Mercieca u Pauline Xerri, u li testendi 'l gewwa mill-hajt tal-wied sbatax punt hamsa metri (17.5m);*

*"Illi meta l-konvenuti gew mitluba biex jiffirmaw il-kuntratt li kellu jsir minn Nutar Anna Theuma skont il-minuta hawn esebita u markata 'B', huma rrifjutaw li jaghmlu dan, minkejja l-interpellazzjonijiet li sarulhom;*

*"Jgħidu għaldaqstant il-għaliex m'għandiex dina l-Onorabbli Qorti li:*

*"1. Tordna u tikkundanna lill-konvenuti li jersqu u jimmittu lir-rikorrenti fil-pussess tal-legat tal-bicciet raba' fuq imsemmja bil-kejl li l-istess raba' fih meta dan gie mkejjel, skont il-minuta esibita markata B, u fir-rigward tal-bicca tar-raba' maghrufa 'Il-Habel ta' Fuq' fil-kuntrada ta' Xkora' limiti Victoria, Ghawdex, din ghandha tigi dentifikata billi jigi dikjarat li tibda sbatax punt hamsa metri (17.5m) boghod mill-hajt li jikkonfina mal-wied 'il gewwa u tibqa' testendi sat-tarf nett ta' gewwa cioe' sal-hajt tas-sejjiegh li hemm fuq l-estremita' tal-lvant tal-istess*

*ghalqa, u bil-wisgha li fiha kif determinati bil-hitan tas-sejjiegh li hemm fuq in-naha tat-tramuntana u tan-nofsinhar;*

*"2. Tiffissa d-data, hin, u lok, u tahtar lin-Nutar Dottor Anna Theuma sabiex tippubblika l-att relattiv ta' immissjoni fil-pussess tal-legati, u tinnomina kuratur sabiex jidher ghall-eventwali kontumaci.*

*"Bl-ispejjez kontra l-konvenuti nkluz dawk tal-ittra ufficjali tas-26 ta' Frar 2014 (Ittra Nru. 99/14, u tal-ittri nterpellatorji tad-9 ta' Jannar 2014, 13 ta' Marzu 2014, u 25 ta' Marzu 2014.*

*"Bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huma mharrkin."*

3. Il-konvenuti wieġbu permezz ta' risposta maħlufa preżentata fil-21 ta' Awwissu 2014 permezz ta' liema eċċepew is-segwenti:

*'**Bħala eċċezzjonijiet**:*

*"1. Preliminarjament, illi l-intimati m'gandhom ibagħtu ebda spejjeż ta' dina l-istanza peress li huma qatt ma rrifjutaw li jimmettu fil-pussess lill-attur tal-legati mħollija lill-atturi permezz tat-testment ta' Tereza Mizzi tad-19 ta' Frar 2009 fl-atti tan-nutar Dottor Paul George Pisani.*

*"2. Illi għar-rigward tal-biċċa raba imsejjha "Il-Ħabel ta' Fuq" l-identifikazzjoni tagħha u t-talba kif magħmula hija arbitrarjament magħmula mill-attur u għalhekk il-konvenuti m'humiex tenuti jaderixxu għal din it-talba speċjalment meta din l-identifikazzjoni tikkonfliġġi mad-deskrizzjoni tal-biċċa art kif identifikata mill-istess testatriċi skont il-kejl u l-irjeħat mogħtija fit-testment fuq imsemmi. Il-konvenuti kienu dejjem lesti li jimmettu lill-attur fil-pussess tal-art imsemmija kif identifikata u deskritta mill-istess testatriċi fit-testment tagħha fuq imsemmi.*

*"3. Illi għar-rigward tal-kuntratt li kellu jsir skont il-minuta esebita u markata dok B, din ġiet dettata mill-avukat Dottro Mario Scerri mingħajr il-konsultazzjoni tal-avukat sottoskritt, l-avukat tal-konvenuti u billi kienet tikkontjeni diversi klawsoli li ma kienux aċċettabli għall-konvenuti, dan ta' l-aħħar ġustament u leġittimament oġġezzjona li l-kuntratt jiġi ffirmat fil-forma kif dettata. Mill-bqija l-konvenuti kienu lesti li jersqu u jiffirmaw kwalunkwe kuntratt ta' immissjoni fil-pussess, basta dan ikun fittermini ġusti u li huma aċċettabbli għalihom.*

*"**Bħala Fatti:***

*"4. Dak li jingħad mill-attur fl-ewwel erbgħa paragrafi tar-rikors tiegħu huwa sostanzjalment korrett għaliex huma repetizzjoni ta' dak li fil-fatt ġara.*

*“5. Illi għal dak li jingħad fil-ħames paragarafu tar-rikors, għandu jiġi preċiżat illi fil-każ tar-raba’ “Tal-Barun” kien l-istess attur innifsu li ddikjara fid-denunzja tas-suċessjoni li “Qiegħed jiġi dikjarat illi fid-data ta’ mewtha d-decujus Tereza Mizzi kellha biss fuq isimha porzjoni ta’ kejl inferjuri minn dak iddikjarat fit-testment. Għaldaqstant skont l-artikolu sitt mija tmienja u disghin (698) tal-Kodiċi Ċivili ta’ Malta (Kapitlu sittax (16) tal-Liġijiet ta’ Malta), dan il-legat jiswa’ biss għal biċċa li t-testatriċi fil-fatt kellha fid-data ta’ mewtha, liema biċċa hija ekwivalenti għal tliet mija u erbgħa u ħamsin metri kwadri (354m.k) (Dok MG). Fir-rigward tar-raba’ “Il- Ħabel ta’ Fuq” irid jiġi preċiżat li l-kejl totali huwa ta’ 2815m.k. (elfejn tmien mija u hmistax-il metru kwadru) meta ġiet imkejla b’mod aktar preċiż (u mhux b’mod approssimattiv) mill-AIC ordon Vella u s-surveyor Eddie Mercieca (Dok MG1). Għalhekk id-differenza, kuntrarjament għal li qiegħed jippretendi l-attur, hija ferm sostanzjali u ikbar milli qiegħed jindika u fil-fatt tammonta għal mija u disghin metru kwadru (190m.k).*

*“6. Dak li jingħad fil-paragrafu numru sitta tar-rikors ma għandu ebda konsegwenza fuq il-kwistjoni. Għalkemm Tereza Mizzi kellha biċċa art “Tal-Ħabel Ta’ Fuq” u mbagħad wirtet biċċa oħra mingħand oħta Petronella Mizzi li mietet fil-25 ta’ Lulju 1996, iż-żewġ biċċiet saru ħaġa waħda għaliex saru ta’ sid wieħed u b’hekk seħħet il-konsolidazzjoni taż-żewġ biċċiet art f’art waħda. Għalhekk għall-finijiet ta’ identifikazzjoni tal-legat imħolli lill-attur, l-fatt li l-art kollha “tal-Ħabel ta’ Fuq” kienet oriġinarjament ta’ sidien differenti, mhu ta’ ebda ħjiel jew għajnuna. Huwa biss fl-immaġinazzjoni tal-attur li l-biċċa art imħollija lilu hija xi waħda jew oħra mill-biċċiet li qabel kienu ta’ sidien differenti.*

*“7. Illi dak li jingħad fis-seba’ paragrafu tar-rikors ġuramentat proprju jagħti raġun lill-konvenuti għaliex ma addivjenewx għall-kuntratt ta’ immissjoni fil-pussess skont il-minuta dettata mil-legali tal-attur. Kien ikun kontra sens li l-esponenti jiffirmaw kuntratt ta’ immissjoni fil-pussess li kien fih riserva għad-dritt tal-attur għall-kejl superjuri (ta’ 655m.k) meta kien l-istess attur li fid-denunzja tas-suċċessjoni ammetta li wiret biss u idenunzja biss il-kejl ta’ 354m.k. għal dak li jirrigwarda ir-raba “tal-Barun”. Għar-rigward ir-raba “Tal-Ħabel ta’ fuq” kien ovvju li l-konvenuti ma kienux tenuti jimmettu lill-attur f’porzjoni ta’ kejl akbar minn dak indikat u skont l-irjieh indikati fit-testment, meta għalkemm jista’ jingħad li l-kejl kien approssimattiv, id-differenza kienet sostanzjali, differenza ta’ 190m.k. (Differenza ta’ aktar minn siegħ raba, fejn wieħed jista’ jeriġi binja regulari skont il-kejlijiet normali tal-bini), u l-irjieħ tal-porzjoni legata u ndikati fit-testment ma kienu jaqblu xejn mal-parti dentifikata mill-istess attur u issa mitluba b’dan ir-rikors.*

*“8. Illi għalhekk it-talbiet attriċi kif dedotti ma jistgħux jiġu milqugħa.’*

4. B'sentenza tal-20 ta' Ottubru 2015, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali ddeċidiet billi laqgħet it-talbiet tal-attur:

*'1. Tordna u tikkundanna lill-intimati jersqu u jimmittu lir-rikorrent Lawrence Mizzi fil-pussess tal-legat tal-bicciet raba' kollha ndikati fir-rikors guramentat bil-kejl li l-istess raba' rrizulta li fih meta dan gie mkejjel, u mhux il-kejl imsemmi fit-testment ta' Tereza Mizzi, sabiex Lawrence Mizzi jigi effettivament immess fil-pussess ta' dak li hemm fuq kull sit u ghal dan il-ghan ghandu jigi redatt abbozz apposta minn Nutar Dottor Anna Theuma li qed tigi nominata ghal dan il-ghan liema abbozz ghandu jirrifletti dak li gie deciz f'din is-sentenza. Tiddikjara inoltre li fir-rigward tal-bicca tar-raba' maghrufa 'Il-Habel ta' Fuq' filkuntrada ta' Xkora' limiti Victoria, Ghawdex, din ghandha tigi ddentifikata billi jigi dikjarat li tibda sbatax punt hamsa metri (17.5m) boghod mill-hajt li jikkonfina mal-wied 'il gewwa u tibqa' testendi sattarf nett ta' gewwa cioe' sal-hajt tas-sejjiegh li hemm fuq l-estremita' tallvant tal-istess ghalqa, u bil-wisgha li fiha kif determinati bil-hitan tassejjiegh li hemm fuq in-naha tat-tramuntana u tan-nofsinhar. In-Nutar ghandha tuza bhala gwida ghal din ir-raba' l-pjanta esebita fl-atti a fol. 117 tal-process;*

*"2. Tiffissa l-gurnata tas-16 ta' Novembru, 2010 fl-ghaxra ta' filghodu (10.00a.m.) fl-ufficcju ta' jew fil-lok indikat min-Nutar Dottor Anna Theuma lill-partijiet sabiex jigi ppubblikat l-att relattiv ta' immissjoni fil-pussess tal-legati, u tinnomina lil Dr. Renata Formosa bhala kuratur sabiex tidher ghall-eventwali kontumaci.*

*"Bl-ispejjez kollha kif mitluba kontra l-intimati. L-ispejjez tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' immissjoni fil-pussess skont il-ligi.'*

5. Il-konvenuti appellaw u ilmentaw li l-ewwel Qorti: (i) interpretat ħażin id-dokumenti li kellha quddiemha u esebiti fil-proċess; (ii) interpretat ukoll ħażin il-liġi fil-kwistjoni in eżami; u (iii) ma kellhiex takkollalhom l-ispejjeż tal-kawża. In sostenn ta' dan, abbażi tal-Artikolu 145 tal-Kodiċi ta' Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili, ippreżentaw tliet (3) dokumenti mehmuża mar-rikors tal-appell: **Dok MGX** – '*applikazzjoni mar-Reġistru tal-Artijiet irtirata*'; **Dok MGX1** – '*kopja tal-att 'causa mortis' ta' Petronella*

*Mizzi'*; u **Dok MGX2** – '*kopja ta' abbozz tal-immissjoni fil-pussess'*. Konsegwentement talbu li s-sentenza appellata tiġi mħassra u revokata u konsegwentement jintlaqgħu l-eċċezzjonijiet tagħhom u jiġu miċħuda t-talbiet tal-attur bl-ispejjeż kontrih.

6. L-attur wieġeb illi: (i) fl-ewwel lok id-dokumenti ġodda ppreżentati mar-rikors tal-appell għandhom jiġu sfilzati; u (ii) bla preġudizzju s-sentenza appellata hija ġusta u jistħoqqilha konferma.

Konsiderazzjonijiet.

*Talba għall-isfilz tad-dokumenti ppreżentati fl-appell.*

7. L-Artikolu 145 tal-Kap. 12 jipprovdi illi:

> *'Mar-rikors, mat-tweġiba u mar-replika, għandhom jinġiebu d-dokumenti li jkunu jsaħħu t-talbiet tal-wieħed jew l-eċċezzjonijiet tal-ieħor.'*

8. F'deċiżjoni riċenti ta' din il-Qorti, qalet:

> *'13. Fil-fatt l-interpretazzjoni riċenti li qiegħda tingħata lil dan l-artikolu hija waħda ristretta: u cioe` li d-dokumenti prodotti fl-istadju tal-appell jingħataw piż **biss jekk tali dokumenti ma kinux disponibbli fl-ewwel istanza**.'*[1]

[1] ***Falzon Maria Dolores v. Debarro Monica et***, deċiża minn din il-Qorti fis-17 ta' Ġunju 2019.

9. **Dok MGX** hu datat 25 ta' April 2013, **Dok MGX1** datat 20 ta' Jannar 1997, filwaqt li **Dok MGX2** huwa abbozz tal-kuntratt ta' immissjoni fil-pussess bl-emendi allegatament suġġeriti mill-appellanti qabel il-kawża tal-lum, liema dokument kien diġà ġie sfilzat mill-ewwel Qorti fit-13 ta' Ottubru 2015[2] peress li ġie ppreżentat fit-28 ta' Settembru 2015 man-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti għan-nota replikattiva tal-attur meta l-kawża kienet tinsab differita għas-sentenza u l-provi tal-partijiet kienu ngħalqu. Mid-digriet tal-isfilz ma sarx appell.

10. Il-proċeduri bdew fl-10 ta' Lulju 2014, u fis-27 ta' Frar 2015[3] il-konvenuti appellanti ddikjaraw il-provi magħluqa salv għall-kontro-eżamijiet. Wara xehdu l-Perit Dimech u l-konvenuta Mary Grima u l-partijiet iddikjaraw li ma fadlilhomx aktar provi u kontro-eżamijiet u li l-qorti tista' tgħaddi għas-sentenza. Il-kawża kienet differita għas-sentenza għas-seduta tal-20 ta' Ottubru 2015, b'dan illi l-attur ingħata sal-aħħar ta' Lulju 2015 sabiex jippreżenta nota ta' sottomissjonijiet filwaqt li l-konvenuti kellhom iwieġbu sal-aħħar ta' Settembru 2015. L-attur ippreżenta ukoll replika għan-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti li da parti tagħhom wieġbu b'kontro-replika ppreżentata fit-28 ta' Settembru 2015.

[2] Fol. 204.
[3] Fol. 161.

11. Ma hemmx dubju għalhekk li dokumenti pprezentati flimkien mar-rikors tal-appell tal-konvenuti kienu kollha disponibbli għalihom fil-fażi tal-ġbir tal-provi u għalhekk setgħu ġew faċilment prodotti quddiem l-ewwel Qorti. Il-konvenuti ma taw l-ebda raġuni li b'xi mod tiġġustifika għalfejn id-dokumenti ma kinux preżentati fl-istadju tas-smigħ tal-provi quddiem l-ewwel Qorti u għandhom ikunu ammessi fl-istadju tal-appell.

12. Għaldaqstant, tordna l-isfilz tat-tliet dokumenti mehmuża mar-rikors tal-appell.

*L-Appell tal-konvenuti.*

13. B'testment tad-19 ta' Frar 2009 fl-atti tan-Nutar Dottor Paul George Pisani, Tereza Mizzi ħalliet b'legat lill-attur, erba' (4) biċċiet raba' flimkien mas-somma ta' tliet elef euro (€3,000). Somma li mhemmx kontestazzjoni dwarha.

14. Fit-12 ta' April 2012 Tereza Mizzi mietet xebba u mingħajr tfal. Fl-istess testment, apparti l-legati favur l-attur, ħalliet somma flus sabiex isirilha funeral u quddies, diversi legati u prelegati lin-neputijiet l-oħra tagħha, u nnominat bħala eredi universali tagħha lill-konvenuti. Dawn tal-aħħar ħallsu lill-attur il-legat ta' €3,000. Meta saru l-pjanti sabiex isir il-kuntratt ta' immissjoni fil-pussess tal-legati l-oħra mħollija lilu konsistenti

f'erba' biċċiet raba' irriżulta li l-kejl ta' żewġ porzjonijiet minnhom ma kinux korretti, fis-sens illi, waħda ndikata bħala '*Tal-Barun'* kien effettivament fiha nofs il-kejl indikat fit-testment filwaqt li oħra msejħa *"Ħabel ta' Fuq" kuntrata "Ta Xkora"* kienet ta' kejl akbar minn dak indikat mit-testatriċi.

15. Għalkemm il-vertenzi bejn il-partijiet kienu varji, il-kontestazzjoni prinċipali mertu tal-appell tirrigwarda r-raba' *"Ħabel ta' Fuq" kuntrata "Ta Xkora"* li fit-testment ġie deskritt bħala '*biċċa raba' msejjaħ "Ħabel ta' Fuq" kuntrata "Ta Xkora", limiti ta' Victoria Għawdex, tal-kejl ta' 'ċirka elf tmien mija u erbgħa u sebgħin metri kwadri (1,874m.k.) u konfinanti mill-punent beni tat-testatriċi, nofsinhar beni ta' Bernardo Grech u Lvant beni ta' Carmelo Grech'*.

16. Kif diġa` ngħad, meta saru l-pjanti relattivi sabiex dik ir-raba' tgħaddi lill-attur irriżulta li l-kejl ta' dik il-porzjon raba' kien bejn 100m.k. u 190m.k.[4] akbar minn dak ta' 1,874m.k. li jissemma fit-testment ta' Tereza Mizzi. Konsegwentement, il-konvenuti ppretendew li safejn l-imsemmija art teċċedi l-kejl ta' 1,875m.k (ikkonċedew lill-attur metru kwadru żejjed)[5], ir-residwu kien jispetta lilhom bħala l-werrieta ta' Tereza Mizzi. Għaldaqstant, għamlu dikjarazzjoni *causa mortis* addizzjonali f'dak is-sens.[6] L-attur min-naħa tiegħu jargumenta li r-rieda tat-testatriċi kienet li

[4] Hemm avarija bejn il-kejl tal-Periti ngaġġati mill-partijiet.
[5] Fol. 156.
[6] Dok. MG1 a fol. 36A *et seq*.

tħallilu l-art kollha msemmija u safejn il-kejl imsemmi fit-testment mhuwiex il-kejl effettiv tal-art, dak kien biss żball.

17. Mill-atti jirriżulta li:

17.1. it-testatriċi Tereza Mizza ssemmi biċċtejn raba' bl-isem "*Ħabel ta' Fuq*" kuntrata "*Ta' Xkora*", limiti ta' Victoria Għawdex fit-testment tagħha:

(i) Fit-tieni Artikolu tal-imsemmi testment hija *inter alia* ħalliet '*biċċa raba' imsejħa "Tal-Ħabel ta' Fuq" kuntrada "Ta' Xkora", limiti Kerċem kejl ta' ċirka sebgħa mija u ħamsin metri kwadri (750m.k.) u konfinanti mill-punent mal-wied, nofsinhar beni ta' Bernardo Grech u lvant beni tat-testatriċi'* lil Maria mart Francis Mercieca u Pauline mart Jimmy sive John Mary Xerri, ħut l-attur, fi kwoti ndaqs bejniethom. Fl-istess klawżola stipulat ukoll li, '*Il-bir li jinsab f'din il-biċċa raba' għandu jkun soġġett għas-servitu attinġenti favur beni ta' l-eredi ta' Gorg Mizzi u l-eredi ta' Joseph Mizzi';* u

(ii) Fit-tielet Artikolu tat-testment Tereza Mizzi ħalliet lill-attur *'biċċa raba' msejħa "Ħabel ta' Fuq" kuntrata "Ta Xkora", limiti ta' Victoria Għawdex, tal-kejl ta' 'ċirka elf tmien mija u erbgħa u sebgħin metri*

*kwadri (1,874m.k.) u konfinanti mill-punent beni tat-testatriċi, nofsinhar beni ta' Bernardo Grech u Lvant beni ta' Carmelo Grech'.*

17.2. L-istess raba' kienet oriġinarjament tappartjeni b'mod indiviż u fi kwoti ugwali lill-ħames ulied ta' Lorenzo u Maria Mizzi, ossija, Giuseppe (missier il-konvenuti), Petronella (xebba), Tereza (xebba), Francesco u Giorgio (missier l-attur Lawrence Mizzi, Maria mart Francis Mercieca u Pauline mart Jimmy Xerri) li b'kuntratt datat 7 ta' Jannar 1956,[7] qasmu f'ħames porzjonijiet diversi beni li huma kienu jipposjedu indiviżament fi kwoti ndaqs bejniethom. Fost il-beni assenjati, ir-raba' "*Ta' Xkora*" inqasmet kif ġej:

(i) Fl-ewwel porzjon, li ġiet assenjata lil Giorgio, hemm elenkata s-segwenti:

> *'1. Porzjoni diviża tal-kejl ta' ċirka għaxar sigħan mir-raba' imsejjaħ "tal-Ħamrija" kontrada "Ta' Xkora" limiti Kerċem Għawdex u li tmiss mill-punent beni ta' Salvatore u Grazziella xebba aħwa Grech, nofsinhar beni ta' Francesco Grech u vant beni ta' Francesco Żammit, franka u libera minn kull pis u servitu u bid-dritt tal-passaġġ minn fuq il-porzjonijiet diviżi mill-istess raba' li qed jiġu assenjati bit-tieni u bil-ħames porzjoni.'*[8]

(ii) Fit-tieni porzjoni, li ġiet assenjata lil Giuseppe, hemm:

> *'1. Porzjoni diviża tal-kejl ta' ċirka sitt sigħan mir-raba' imsejjaħ "il-Ħabel t' Isfel" kontrada "Ta' Xkora" limiti Kerċem Għawdex u li tmiss mill-punent Wied, tramuntana u nofsinhar beni ta' Salvatore u Graziella*

[7] Fol. 54 *et seq*.
[8] Fol. 54 – 55.

*xebba aħwa Grech u vant ma' beni li qed jiġu assenjati lil Giorgio u Tereza Mizzi.'*[9]

(iii) Fit-tielet porzjon, li ġiet assenjata lil Francesco, hemm:

*'1. Porzjoni diviża tal-kejl ta' ċirka għaxar sigħan mir-raba' imsejjaħ "tal-Ħamrija" kontrada "Ta' Xkora" limiti Kerċem Għawdex u li tmiss tramuntana ma triq pubblika, vant beni ta' Francesco Żammit u punent in parti beni ta' Salvatore u Grazziella xebba aħwa Grech u in parte beni ta' Tereza xebba Mizzi.'*[10]

(iv) Fir-raba' porzjon, li ġiet assenjata lil Petronella Mizzi, tissemma:

*'1. Porzjoni diviża tal-kejl ta' ċirka għaxar sigħan mir-raba' imsejjaħ "il-Ħabel ta' Fuq" kontrada "tax-Xkora" u li tmiss mill-punent ma porzjoni diviża mill-istesss raba' li qed tiġi assenjata lil Tereza Mizzi, nofsinhar beni ta' Bernardo Grech u vant beni ta' Carmelo Grech bid-dritt ta'l-mogħdija minn fuq porzjoni diviża mill-istess raba' li qed tiġi assenjata lil Tereza Mizzi. Din il-porzjoni qegħda fil-limiti ta' Kerċem Għawdex.'*[11]

(v) Fil-ħames porzjon, li ġiet assenjata lil Tereza Mizzi, kienet tinkludi s-segwenti:

*'1. Porzjoni diviża tal-kejl ta' ċirka erba' sigħan mir-raba' imsejjaħ "il-Ħabel ta' Fuq" kontrada "Ta' Xkora" limiti Kerċem Għawdex u li tmiss punent mal-Wied, nofsinhar beni ta' Bernardo Grech, vant ma' porzjoni diviża mill-istess raba' li qed tiġi assenjata lil Petronella Mizzi. Il-bir li jinsab f' din il-porzjon għandu jkun suġġett għas-servitu li minnu jittieħed l-ilma għall-erba porzjonijiet diviżi mir-raba' "ta' xkora" li qegħdin jiġu assenjati lil Giorgio, Giuseppe, Francesco u Petronella aħwa Mizzi.*

*"2. Porzjoni diviża tal-kejl ta' ċirka sitt sigħan mir-raba' msejjaħ "Ħabel t'Isfel" kontrada ta' Xkora, limiti Kerċem Għawdex u li tmiss punent ma' porzjoni diviza mill-istess raba' li qed tiġi assenjata lil Giuseppe Mizzi, nofsinhar u tramenuntana beni ta' Salvatore u Graziella aħwa Grech u*

[9] Fol. 56 – 57.
[10] Fol. 59 – 60.
[11] Fol. 62.

> *vant beni li qed jiġu assenjati lil Gorg Mizzi. Il-kamra li tinsab f' din il-porzjoni għandha tkun suġġetta għas-servitu al-użu għaf-favur tal-porzjonijiet mill-istess raba' "Ta' Xkora" li qed jiġu assenjati lil Gorġ Mizzi, Giuseppe Mizzi, Francesco Mizzi u Petronella Mizzi."*[12]

17.3. Isegwi minn dan li fil-kontrada "*Ta' Xkora*" Kerċem: lil Giorgio u Francesco messhom raba' msejjħa *"tal-Ħamrija"* f'porzjon diviża tal-kejl ta' ċirka għaxar sigħan kull wieħed; lil Giuseppe u lil Tereza misshom raba' msejjħa *"tal-Ħabel t' Isfel"* f'porzjon diviża tal-kejl ta' ċirka sitt sigħan kull wieħed; filwaqt li Petronella u Tereza kienu assenjati r-raba' msejjħa *"tal-Ħabel ta' Fuq"* tal-kejl ta' ċirka għaxar sigħan dik ta' Petronella u tal-kejl ta' ċirka erba' sigħan dik ta' Tereza.

17.4. Il-biċċtejn raba' *"tal-Ħabel ta' Fuq"* effettivament jiffurmaw għalqa waħda mqabbla lil Karlu Sultana,[13] li xehed li fiha qatt ma kien hemm sinjali ta' qsim. Skont il-kejl li jissemma fil-kuntratt ta' qasma, ir-raba' in kwistjoni fiha kejl ta' ċirka 2624 metri kwadri.

17.5. Fil-25 ta' Lulju 1996 mietet Petronella Mizzi[14] li ħalliet bħala eredi tagħha lil oħtha Tereza Mizzi.[15] Fit-testment ipprovdiet ukoll min għandu jiret il-beni tagħha f'każ li oħtha Tereza ma tipprovdix mod ieħor:

[12] Fol. 64 – 65.
[13] Fol. 133.
[14] Paġna bejn fol. 53 u 54.
[15] Fol. 44 *et seq*.

(A) ‘*il biċċa raba’ imsejħa “Tal-Ħabel ta’ fuq” kuntrada “Ta’ Xkora” limiti Kercem, tal-kejl ta’ circa sebgħa mija u ħamsin metri kwadri u konfinanti mill-punent mal-Wied, nofsinhar beni ta’ Bernardo Grech u lvant beni ta’ Petronella Mizzi. Il-bir illi jinsab f’ din il-bicca raba’ għandu jkun soġġett għas-servitu’ attinġenti favur beni ta’ George Mizzi u l-eredi ta’ Joseph Mizzi’*, għandha titħalla b’legat lin-neputijiet Maria mart Francis Mercieca u Pauline mart Jimmy sive John Mary Xerri fi kwoti ndaqs bejniethom;[16]

(B) ‘*il-biċċa raba’ imsejħa “il-ħabel ta’ Fuq” kontrada “tax-Xkora” limiti Kerċem tal-kejl ta’ ċirca elf tmien mija u erbgħa u sebgħin metri kwadri u konfinanti mill-punent ma beni ta’ Tereza Mizzi, nofsinhar beni ta’ Bernardo Grech u lvant beni ta’ Carmelo Grech*’ għandha titħalla b’legat lin-neputi tagħha Lawrence sive Laurie Mizzi;

(Ċ) ‘*il-biċċa raba’ imsejħa “ta’ Xkora” limiti Victoria tal-kejl ta’ ċirka elf mija u erbgħa u għoxrin metri kwadri u konfinanti mill-punent ma’ beni tal-eredi ta’ Joseph Mizzi u lvant beni ta’ Gorg Mizzi’, ‘il-bicca raba imsejħa “ta’ xkora” sive “Tal-Ħamrija” tal-kejl ta’ ċirka sitt mija u sebgħa u għoxrin metri kwadri u konfinanti mit-tramuntana mat-triq, nofsinhar ma beni ta’ Gorg Mizzi u punent ma beni ta’ Petronella Mizzi’,* ‘*il-biċċa raba’ msejjħa “tal-Ħamrija” kuntrada “Ta’*

[16] Dan huwa effettivament is-sehem ta’ Tereza Mizzi.

*Xkora" tal kejl ta' ċirka sitt mija u sebgħa u għoxrin metri kwadri u konfinati minn nofsinhar beni ta' Gorg Mizzi, lvant beni ta' Tereza Mizzi u tramuntana in parti mat-triq u in parti beni ta' Salvu Grech.'* u '*il-biċċa raba' msejjħa ta' Xkora" sive "Tal-Gabillott" limiti Victoria, tal-kejl ta' ċirca tlett elef erbgħa mija u tmienja u tmienin metri kwadri ...'* lil Maria mart Joseph Grima u Lorenza sive Lorraine mart Joseph Cassar.

18. Fir-raba' Artikolu tat-testment tagħha, Petronella Mizzi jingħad illi:

> *'a kull buon fini it-testatriċi tiddikjara illi bl-artikolu preċedenti hija iddisponiet mhux biss minn beni proprjetà tagħha imma wkoll minn beni illi huma proprjetà ta' oħtha Tereza xebba Mizzi pero hija qiegħda tagħmel dan għax taf illi l-istess oħtha ddisponiet b'mod simili mill-istess beni u għalhekk hija xewqa tagħħa illi dak kollu minnha ordnat bl-artikolu preċedenti jiġi rispettat.'*

19. S'hawnhekk din il-Qorti tasal biex taqbel mal-ewwel Qorti illi:

> *'meta Tereza Mizzi nizzlet bhala legat din ir-raba' lir-rikorrent bil-kejl ta' cirka 1874m.k. l-intenzjoni taghha kienet wahda cara u nekwivoka u cioe' li thalli dik il-parti kollha tar-raba' li hija wirtet minghand Petronella u li hi kien minghalija li kellha kejl ta' 1874m.k. Dan il-fattur kif ukoll il-fatt gia suespost li t-testatrici fejn riedet thalli raba' dan ghamlitu b'mod skjett permezz ta' legati specifici anki lill-istess intimati li huma l-eredi universali taghha ma jhalli l-ebda dubbju f'mohh din il-Qorti li l-intenzjoni tat-testarici kienet li r-raba' kollha b'eskluzzjoni tal-legat l-iehor tal-kejl ta' 750m.k. kellu jghaddi ghand il-legatarju u cioe' rrikorrenti. Il-fatt li rrizulta li r-raba' hija akbar ma jibdel xejn mill-intenzjonijiet cari tat-testatrici li riedet li din ir-raba' tghaddi permezz ta' legat lir-rikorrent. Huma l-intimati li qed jippretendu li jigu varjati l-intenzjonijiet tat-testatrici billi qabdu u qatghu parti minn din ir-raba' u ddikjarawha bhala taghhom.'*

20. Permezz tal-ewwel parti tal-aggravju tagħhom l-appellanti jikkontestaw iżda li l-Qorti tal-Prim'Istanza kienet fattwalment żbaljata meta waslet għal din il-konklużjoni. F'dan il-kuntest jirreferu għal dak dikjarat f'Dok MS1 a fol. 115 tal-proċess. Dan huwa ċertifikat ta' titolu maħruġ mir-Reġistru tal-Artijiet fuq Tereza Mizzi li miegħu hemm mehmuża pjanta tar-raba' in kwistjoni datata 10 ta' Diċembru 1996 fejn dik il-parti li Tereza Mizzi wirtet minn oħtha Petronella ġiet indikata bil-kejl ta' 2,170m.k. Jirreferu wkoll għax-xhieda ta' Mary Grima fis-sens li fis-sena 2006 kien tqabbad l-AIC Gordon Vella biex jagħmel pjanta tal-għalqa kollha sabiex Tereza Mizzi tkun tista' tirreġistraha[17] u f'dan il-kuntest jirreferu għal Dok MGX ippreżentat mar-rikors tal-appell tagħhom li jinsab sfilzat. L-appellanti mbagħad ikomplu l-aggravju tagħhom billi jikkontendu li l-ewwel Qorti nterpretat ħażin il-liġi in eżami billi pprovat tinterpreta x'setgħat kienet l-intenzjoni tat-testatriċi minflok ma żammet mad-dispożizzjonijiet speċifiċi tat-testment. Jilmentaw ukoll li fir-rigward tal-interpretazzjoni dwar l-estensjoni ta' legat, dan għandu jkun favur l-eredi u kontra l-legatarju.

21. Il-pjanta formanti parti minn Dok MS1 a fol. 117 saret mill-Perit Teddie Busuttil u kopja tagħha ġiet preżentata mill-imsemmi perit innifsu flimkien mal-affidavit tiegħu a fol. 108 u 109 fejn spjega li fis-sena 1996

[17] Fol. 121.

huwa kien ġie nkarigat minn Joseph Grima biex jagħmel pjanta ta' biċċa art magħrufa bħala '*Ta' Xkora*' fi Triq Ta' Ħamimiet, Victoria. Iżid jgħid li:

> *'mhinix ċert jekk kontx mort kejjiltha fuq il-post jew kontx kejjilt l-art minn fuq il-pjanta wara li Grima kien tagħni hu d-dettalji kemm tal-area ta' din l-art kellha tkun. Mill-file tiegħi m' għandi xejn li jindika li mort kejjiltha.*
>
> *"Għalhekk il-kejl li kont tajt jiena tal-art minn fuq il-pjanta kien wieħed approssimattiv, u meta erġajt kejjilt l-art fuq il-pjanta (din id-darba il-kejl sar bil-komputer) qabel ma ġejt mitlub nagħmel dan l-affidavit, irriżultali li l-kejl tal-art hu kemm xjen anqas minn dak indikat fuq il-pjanta TB1 bi tnejn u għoxrin metri kwadri (22m.k.)'*

22. Kliem li ma jħalli l-ebda dubju li minkejja l-art kienet tappartjeni lil Tereza Mizzi, kien Joseph Grima, li jiġi r-raġel tal-konvenuta Maria Grima li nkariga lill-Perit biex iħejji dik il-pjanta u għaddielu l-kejl. Dwar dan, f'punt 5 tal-affidavit tagħha Maria Grima xehdet li:

> *'meta ġejna biex nagħmlu l-kuntratt ta' dikjarazzjoni ta' trasferiment causa mortis ta' Petronella Mizzi, l-pjanta ta' din l-għalqa kien għamilha s-surveyor George Bonnici fuq inkarigu ta' A.I.C. Teddie Busuttil. Kif ra l-għalqa George qal li ma hemmx għalfejn ikejjilha għax mdawra bil-ħitan. Jien għedtlu li jird jaqta' seba' mija u ħamsin metri kwadri (750m.k.) minn fuq it-triq għax dawn kienu ta' Tereza Mizzi. Nzerta li meta qata' s-seba mija u ħamsin metri kwadri (750m.k.) kien baqa' elfejn mija u sebgħin metri kwadri (2170m.k.). Peress li din l-għalqa saret kollha ta' Tereza Mizzi ma kien għad fadal ebda differenza la fil-prattika u lanqas fil-liġi bejn iż-żewġ biċċiet.*
>
> *"Fis-sena elfejn u sitta (2006) qabbadna lill-perit Gordon Vella biex jagħmel pjanta tal-għalqa kollha sabiex iz-zija tkun tista' tirreġistra l-għalqa kollha. Ir-Reġistratur tal-Artijiet qalli li ma kienx jenħtieġ li ssir pjanta ta' l-art kollha imma biex nagħmel pjanta oħra fejn jidhru s-seba' mija u ħamsin metri kwadri (750m.k.) u l-kuntratt minn fejn akkwistathom. Meta għedt liz-zija li rrid nerġa' nagħmel pjanta oħra u mmur għand in-Nutar qaltli biex ma noqgħodx nitħabat għax l-għalqa rreġistrata jew le hemm ser tibqa'*[18]

[18] Fol. 121.

23. Ma jirriżultax li Tereza Mizzi kienet involuta fit-taħdidiet mal-Periti u surveyors in kwistjoni. Għalhekk, il-pjanta u x-xhieda li jistrieħu fuqhom l-appellanti mhijiex prova li Tereza Mizzi kienet taf li r-raba' msejjħa "*il-Ħabel ta' Fuq*" kontrada "*Ta' Xkora*" kellu l-allegat kejl ta' 2,800m.k., ċioe` kejl komplessivament akbar mill-porzjonijiet imħollija b'legati lill-attur u ħutu l-bniet.

24. Apparti dan:

(i) it-testment ta' Tereza Mizzi sar fl-2009 b'dan illi kienu għaddew tlettax-il sena mid-data tal-pjanta tal-perit Taddeo Busuttil fl-1996;

(ii) apparti l-prelegati mħollija lill-konvenuti individwalment, fir-raba' Artikolu tat-testment tagħha Tereza Mizzi ppreċiżat liema raba' għandha tgħaddi bi prelegat lill-konvenuti fi kwoti ndaqs bejniethom minkejja li nnominathom ukoll werrieta tagħha. Il-kejl żejjed tal-art 'il-Ħabel ta' Fuq' kontrada 'Ta' Xkora', ċioe` 190 metri kwadri, ma ssemmiex mar-raba' l-oħra li tħalliet bi prelegat lill-konvenuti.

(iii) id-dispożizzjonijiet testamentarji ta' Tereza Mizzi rigward il-legati spettanti lill-attur u ħutu Maria Mercieca u Pauline Xerri huma identiċi għal dawk li jinsabu fit-testment ta' oħtha Petronella li fir-raba' Artikolu ddikjarat li, *'a kull buon fini it-testatriċi tiddikjara illi bl-artikolu preċedenti*

*hija iddisponiet mhux biss minn beni proprjetà tagħha imma ukoll minn beni illi huma proprjetà ta' oħtha Tereza xebba Mizzi pero hija qiegħda tagħmel dan għax taf illi l-istess oħtha ddisponiet b'mod simili mill-istess beni u għalhekk hija xewqa tagħħa illi dak kollu minn ordnat bl-artikolu preċedenti jiġi rispettat.'* Huwa għalhekk bil-wisq probabbli li fl-istess żmien li sar it-testment ta' Petronella Mizzi fl-1998, sar ukoll testment minn Tereza Mizzi fl-istess termini, liema dispożizzjonijiet, safejn riferibbli għall-attur u ħutu l-bniet ġew riprodotti fit-testment li għamlet Tereza Mizzi fl-2009.

25. F'kull każ, il-kejl indikat fit-testment li kien wieħed approssimattiv u fid-dispożizzjonijiet testamentarji relattivi dejjem tintuża l-kelma '*ċirka*'. Fil-fatt l-anqas il-periti tal-partijiet ma jaqblu eżatt dwaru:

25.1. Il-**perit Joseph Dimech**, inkarigat mill-attur u oħtu Pauline Scerri, ippreżenta pjanta **Dok JPD1** li tindika li r-raba' msejjħa "*il-Ħabel ta' Fuq*" kontrada "Ta' Xkora" għandha l-kejl komplessiv ta' **2,743m.k** wara li l-istess ġiet imkejjla minn *surveyor* fl-uffiċċju tiegħu.[19] Jgħid li kien ġie infurmat li l-biċċa art li tiġi fuq in-naħa ta' ġewwa kienet diġa` tinsab reġistrata fir-Reġistru tal-Artijiet meta din il-biċċa kienet wirtitha Tereza Mizzi mingħand oħtha, u minn verifiki li huwa għamel fir-Reġustru tal-Artijiet rriżultalu li l-qasma kienet waħda '*parallela vertikali*

[19] Fol. 106.

*mal-ħajt tat-triq u mhux orizzontali.* *<u>Irriżultali ukoll li l-art kien ilha reġistrata 'l fuq minn għaxar snin u l-qasma kienet boqgħod mill-ħajt ta' mat-triq sbatax punt ħamsa metri (17.5m) minn kull ġenb.'</u>*[20]

25.2. Il-**perit Taddeo Busuttil**, li fl-1996 ipprepara l-pjanta għal Joseph Grima sabiex dik il-parti tar-raba' msejjħa "*il-Ħabel ta' Fuq*" kontrada "Ta' Xkora" li Tereza Mizzi kienet wirtet mingħand oħtha Petronella tiġi reġistrata mal-*Land Registry*, jgħid[21] li l-kejl indikat fuq il-pjanta **Dok TB1** kien approssimattiv għax huwa straħ fuq l-*area* mogħtija lilu minn Grima stess. Meta reġa' kejjel l-art fuq il-pjanta bil-kompjuter biex iħejji l-affidavit tiegħu irriżultalu li din kient 22m.k. inqas mill-kejl ta' 2,170m.k. preċedentement minnu ndikat, ossija, il-kompjuter iġġenera kejl ta' 2,148m.k.;

25.3. **Il-perit Gordon Vella**, li fl-2014 ġie inkarigat minn Maria Grima u Lorenza Cassar sabiex iħejji survey tal-għalqa. Jgħid[22] li peress li r-raba' hija mqammra, huwa uża strument diġitali sabiex joħroġ qisien preċiżi hekk kif jirriżulta fil-pjanta **Dok GV1**[23] li tindika kejl ta' **2,815m.k**. Isostni għalhekk li feles ta' 190m.k. li jmiss mal-parti ta' wara tal-art li ġiet assenjata lil Tereza Mizzi bil-qsim jibqgħu tat-testatriċi.

[20] Fol. 105.
[21] Fol. 108.
[22] Fol. 128.
[23] Fol. 129.

26. Għar-raġunijiet diġa` mfissra, din il-Qorti ma tistax taqbel mal-argument tal-Perit Gordon Vella li fuqu straħu l-konvenuti meta semmew dik il-porzjon art fit-tieni dikjarazzjoni *causa mortis* tal-24 ta' Jannar 2014.[24] Meta saret il-qasma fl-1956, ingħad li l-parti tar-raba' msejjħa "*il-Ħabel ta' Fuq*" kontrada "*Ta' Xkora*" li ġiet assenjata lil Tereza Mizzi kellha l-kejl ta' erba' sigħan (750 m.k.) filwaqt li dik assenjata lil Petronella kellha l-kejl ta' għaxar sigħan (1,874m.k.). Bl-istess argument, jekk l-appellanti jridu jżommu bi preċiżjoni mal-kejl indikat fil-kuntratti, Tereza Mizzi qatt ma kellha porzjon akbar minn 2,624m.k. tal-imsemmija raba' u għalhekk huma, bħala werrieta universali tagħha, ma jifdlilhom l-ebda residwu minnhom pretiż mill-imsemmija raba'.

27. Din il-Qorti tagħraf iżda li l-kejl tar-raba' in kwsitjoni tniżżel fil-kuntratti relattivi b'mod approssimattiv, kif tixhed il-kelma '*ċirka'*. Jekk jiżdied marġini ta' 5% avarija fuq il-kejl taż-żewġ porzjonijiet f'daqqa (1,874m.k. + 750m.k. + 5%) dan jagħti latitudni ta' differenza sa 2,755.2m.k. li jidħol sewwa entro l-kejl tal-għalqa stabbilit mill-Perit Dimech. Verament li l-kejl maħruġ illum il-ġurnata mill-perit Gordon Vella jeċċedi dan il-marġini iżda wieħed għandu japprezza li dan tal-aħħar kejjel ir-raba' in kwistjoni b'strument diġitali peress li r-raba' hija mqammra u għalhekk mhux faċli sabiex tkejjilha *on site*. Il-kejl li sar mill-perit Taddeo

[24] Dok. MG1 a fol. 36A *et seq*.

Busuttil mhux qed jiġi kkonsidrat għaliex huwa stess jgħid li ma kien għamel l-ebda survey u straħ fuq il-kejl li taħ ir-raġel tal-konvenuta Grima.

28. Għal din il-Qorti l-kliem tat-testment huwa ċar u ma jħalli l-ebda dubju li t-testatriċi Tereza Mizzi riedet tħalli lill-attur b'legat il-porzjon art kollha imsejħa "*il-Ħabel ta' Fuq*" kontrada "Ta' Xkora" li kienet saret tagħha bil-wirt ta' oħtha Petronella. Tant dik kienet l-intenzjoni tat-testatriċi li fit-testment ma qalitx liema parti tar-raba' ġiet assenjata lill-legatarju.

29. Għaldaqstant, tiċħad l-aggravju fil-meritu.

30. Dwar il-kap tal-ispejjeż, l-Artikolu 223 tal-Kap. 12 jipprovdi li kull sentenza definittiva għandha tikkundanna lit-tellief għall-ispejjeż. Ladarba it-talbiet tal-attur ġew milqugħa u l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti miċħuda, l-ewwel Qorti kienet korretta meta akkollat l-ispejjeż lill-konvenuti appellanti.

Għaldaqstant, għal dawn ir-raġunijiet kollha l-appell tal-konvenuti hu miċħud u s-sentenza appellata konfermata. Spejjeż tal-appell a karigu tal-konvenuti.

Għall-finijiet ta' publikazzjoni tal-att relattiv ta' immissjoni fil-pussess tal-legati qiegħda tiffissa l-1 ta' Marzu 2021 fl-għaxra ta' filgħodu, dejjem fl-uffiċċju tan-nutar Dr. Anna Theuma jew fil-lok indikat minnha. Dr. Angele Formosa qiegħda tiġi appuntata sabiex tidher għall-eventwali kontumaċi.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm